# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar iT-Tlieta 9 ta' Jannar, 2001 .

**Avviz numru : 140/98G2(PC)**

**Nutar Dottor Paul George Pisani .**

**Vs**

**Emmanuel Zammit .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz illi permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti, ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (LM628.10c) minnu dovuti lill-attur rapprezentanti hlas ta' taxxa u drittijiet u spejjez relattivi ghal trasferiment ta' proprjeta' immobiljari skond kuntratt fl-attita' l-istess Nutar Pisani ta' l-ewwel (1) ta' Novembru tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 21 ta' Mejju, 1998 u l-ewwel (1) ta' Ottubru, 1998 u tal-ittra ufficjali spedita f'Gunju 1998 .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut Emanuel Zammit bl-avviz .**

**Rat ukoll il-verbal ta' l-avukat dottor Michael Grech ghall-attur, illi iddikjara llum seduta stante, illi l-mertu f'din il-kawza gie mhallas, pero' ghadu dovut il-kap ta' l-ispejjez .**

**Il-Qorti, fil-kontumacja tal-konvenut, u peress li jidhrilha illi l-attur huwa gustifikat fit-talba tieghu rigward il-kap ta' l-ispejjez, tiddecidi dwar l-istess kap ta' l-ispejjez, billi tikkundanna lill-konvenut Emanuel Zammit ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
Si14098Pc
220